SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 33/K5/07

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 09/08/'07** **222**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 09/08/'07** **275**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 9 ta' Awissu 2007.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fin-12.30 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Norman Vella

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-2 ta' Awissu 2007. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Tender Nru. Cvan/01/07-08 – Van (Żgħir) Kummerċjali
4. Magażine tal-Kunsill
5. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Request Sheets

1.2.02 Iċ-Chairman Peter Bonello talab sospensjoni tar-regolamenti.

1.2.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

1.2.04 Iċ-Chairman għamel riferenza għal-laqgħat tal-Kunsill u ġibed l-attenzjoni biex min ikun preżenti jagħmel mezz li jibqa' sa' l-aħħar tal-laqgħa biex jiġi evitat li ma jkunx hemm quorum.

1.2.05 Il-Kunsillier Richard Scicluna irringrazzja liċ-Chairman għall-kumment tiegħu.

1.2.06 Il-Kunsilliera Irene Borg waslet fit-12.40 p.m.

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 32/K5/07 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ressqet emenda sabiex f'paġna 1 jitneħħa paragrafu 1.04 u jiżdied il-kliem '**Norman Vella**' wara l-kliem '**David Borg**' f'paragrafu 1.05.

1.3.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Kunsillier Richard Scicluna ressaq emenda sabiex f'paġna 8, jiżdied paragrafu 7.08 u jitniżżel il-kliem **"Il-Kunsillier Karl Gouder ġie skużat fit-3.00p.m".**

1.3.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.08 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 32/K5/07 kif emendati.

1.3.09 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 3297 | Ittra mingħand il-WasteServ Malta Ltd rigward il-Bring-in-Sites. |
| 3308 | Ittra mingħand il-Perit Anton Camilleri rigward *paving works at Ta' Ġiorni Housing Estate*. |
| 3355&K708 | Ittra mingħand it-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern rigward id-Devoluzzjoni ta' Kuridur Ekoloġiku, Ta' Ġiorni, u l-ittra lill-MP&DC. |
| 3412 | Ittra mingħand Schranz Ltd rigward vandaliżmu fil-Proġett ta' Ta' Ġiorni. |
| 3416 | Ittra mingħand is-St.George's Park Co Ltd rigward *widening of footpath at Triq id-Dragunara, St. Julian's*. |
| 3510 | Ittra mingħand il-Viċi Kapillan ta' San Ġiljan, Fr. Claude Portelli, rigward id-Djar tat-Tfal li tmexxi l-Knisja. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru. 3297

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-WasteServ Malta Ltd biex jinstab post alternattiv għall Bring-in-Site minflok dak li kien ġie rrakkomandat fi Triq Spinola (ħdejn is-Substation li hemm ħdejn il-Lukanda Cavallieri). Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ser jipprova jiddentifika sit ieħor.

2.03 Il-Kunsillier David Borg wasal fis-12.55 p.m.

2.04 Rif. Nru. 3308

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Direttur tal-Bini u Tiswija tad-Djar, il-Perit Anton Camilleri, rigward fondi li ser jingħataw lill-Kunsill sabiex issir manutenzjoni ta' toroq f' Ta'

Ġiorni, ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jistaqsi lill-Kuntrattur Ludwig Dimech (Dimbros Ltd) jekk hux lest li jagħmel ix-xogħol u jitħallas fit-2009. Jekk ma jaċċettax tinħareġ tender.

2.05 Rif. Nru. 3412

B'riferenza għall-ittra mingħand Schranz Ltd filwaqt li ġie nnutat l-kontenut ta' din l-ittra, ġie deċiż unanimament illi ssir premura biex ix-xogħol jitlesta' speċjalment it-taraġ li hemm biex tinżel għad-*dressing rooms*.

2.06 Rif. Nru. 3416

B'riferenza għall-ittra mingħand is-St. George's Park Co Ltd rigward '*Widening of footpath at Triq id-Dragunara, St. Julian's'* ġie deċiż unanimament illi qabel tittieħed xi deċiżjoni ssir laqgħa 'on site' mas-Sur Peter Cordina tas-Civil Protection Department . Meta jsir l-appuntament għandhom jiġu nfurmati l-Kunsilliera, sabiex min ikun jista jattendi. Il-Perit Lino Cachia għandu jkun preżenti wkoll għall din il-laqgħa.

2.07 Rif. Nru. 3510

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Parroċċa ta' San Ġiljan ġie deċiż unanimament li tingħata donazzjoni ta' Lm50 (€116.50) lid-Dar tal-Providenza. Din tiġi ppreżentata mis-Sindku waqt l-attivita'.

**3 Tender Nru. CVan/01/07-08- Van (żgħir) Kummerċjali**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tas-schedule tat-tender (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li ġie nfurmat verbalment li tnejn mit-tlett ħaddiema assenjati ma jridux li jsuqu vettura filwaqt li t-tielet wieħed isuq biss jekk din tkun awtomatika.

3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona li jiġi nnotifikat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-Kunsill ħareġ sejħa għall-offerti biex jinxtara van. Dan biex jaġevola lill-ħaddiema assenjati biex b'hekk ikunu jistgħu jilħqu l-area vasta tad-

distrett ta' San Ġiljan. Madankollu wara li membri tal-Kunsill għarrfu lill-ħaddiema assenjati bl-iskop tal-Kunsill irriżulta li tnejn mill-ħaddiema ma jridux jieħdu responsabilita' tas-sewqan filwaqt li t-tielet wieħed jikkunsidra li jsuq dment li l-vettura tkun awtomatika. Għaldaqstant il-Kunsill qed jitlob li jiġi ggwidat.

3.04 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona li ma jinxtarax il-van.

3.07 Il-Kunsillier David Borg issekondah.

3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Magażine tal-Kunsill**

4.01 Peress li l-Kunsill ma kienx sodisfatt bil-pubblikazzjoni tal-Magażine, iċ-Chairman ressaq din il-materja għad-diskussjoni u informa lill-Kunsill li s-Sur John Agius lest li jibda jieħu ħsieb din il-pubblikazzjoni.

4.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi jiġi avviċinat is-Sur John Agius biex jieħu ħsieb li joħroġ il-magażine tal-Kunsill u li jitħallsu Lm200 (€466) kull ħarġa biex ikopru l-ispejjeż.

**5. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

5.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn 2299 sa 2304 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

6.02 Ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ Issir laqgħa mal-MSD biex isiru żewġ arbli oħra fil-Pjazza tal-Qalb ta' Ġesu biex mal-bandiera tal-Kunsill jittellgħu ta' Malta u ta' l-Unjoni Ewropea (ara req. sht no. 1811/04-05;
- ✓ F'Xatt is-Sajjieda jsiru żewġ tabelli li ma jistgħux jinżlu karozzi 'except for un/loading' tad-dgħajjes u li l-karozzi ma jistgħux jitħallew 'unattended';
- ✓ Tiġi rranġata l-bankina ta' triq Mikelangelo Cagiano k/m Triq Marmora'. Il-Kunsillier Karl Gouder għandu jipprovdi 'site plan' immarkata.
- ✓ Jiġi rranġat ir-railing ta' quddiem il-Mużew fi Triq Lapsi.

6.03 l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

6.04 l-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

6.05 l-Kunsill qabel unanimament.

6.06 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 7 Materji oħra

7.01 Saret riferenza għall-Incoming 3425 u 3361 u għandha tittieħed l-azzjoni meħtieġa sakemm huwa possibbli jekk dan mhux diġa sar.

7.01 Ġie deċiż unanimament li l-kuntratturi rispettivi jiġu nfurmati biex:-

- ✓ tinbidel l-iskip li hemm fi Triq Alfred Gauci u tiżdied skip oħra ma' ħdejha;
- ✓ terġa tinġibed l-attenzjoni sabiex jinħasslu l-iskips kollha;
- ✓ ta' l-iscamel jiġbor l-iskart li jwaqqa;
- ✓ il-knis ta' Triq Alfred Gauci u Triq Angelo Pullicino jsir aktar ta sikwit.

7.02 Inġibdet l-attenzjoni li l-kostruzzjoni li kienet qed issir f'Nru. 83-86 fi Triq Lapsi issa tidher lesta u għaldaqstant għandu jiġi kkuntatjat il-kuntrattur biex qabel il-Festa ta' San Ġiljan jieħu ħsieb li jneħħi l-ħajt tal-madwar u jnaddaf sew it-triq;

7.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ġie skużat fis-2.00 p.m.

7.04 Inġibdet l-attenzjoni biex jiġu ċċekjati l-flood lights li hemm fil-pjazza tal-Qalb ta' Ġesu'.

7.05 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fl-20 u fit-23 ta' Awissu ser jgħaddu l-Banda ta' San Ġiljan u l-Banda ta' Spinola rispettivament, minn quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill, għaldaqstant l-Kunsilliera mitluba jkunu preżenti.

7.06 Fl-10 ta' Awissu ser jagħlaq it-tender tal-*Cleaning and Maintenance of Parks and Gardens* fil-11.30a.m. Ġie deċiż li flimkien mas-Sindku jkun preżenti l-Kunsillier Karl Gouder.

7.07 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- ✓ l-għada tal-Festa, fis-27 ta' Awissu 2007, l-Uffiċċju Amministrattiv ikun magħluq.
- ✓ Laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir għall-aħħar ta' Settembru.

7.08 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-2.10 p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello**<br>**Sindku** | **Helen Walker**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |